**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali*

**2022/0164(COD)**

10.10.2022

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-Kumitat għall-Baġits

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-Kapitoli tar-REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060, ir-Regolament (UE) 2021/2115, id-Direttiva 2003/87/KE u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814
(COM(2022)0231 – C9-0183/2022 – 2022/0164(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Pascal Arimont

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_Legam

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitati responsabbli, biex jieħdu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Kunsiderazzjoni 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Wara li kkunsidra l-analiżi konġunta tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u tal-Kunsill tal-Muniċipalitajiet u r-Reġjuni Ewropej (CEMR) dwar l-involviment tal-muniċipalitajiet, il-bliet u r-reġjuni fit-tħejjija tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u r-riżultati tal-konsultazzjoni mmirata tagħhom tas-27 ta' April 2022 bit-titolu "Implementation of the Recovery and Resilience Facility: the perspective of local and regional authorities" (L-Implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: Il-Perspettiva tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali),*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda hija meħuda mir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ġunju 2022 dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament.*

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Mill-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza,[3] avvenimenti | (1) Mill-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[3], avvenimenti |

| | |
|---|---|
| ġeopolitiċi bla preċedent u l-konsegwenzi soċjoekonomiċi diretti u indiretti tagħhom affettwaw b'mod konsiderevoli s-soċjetà u l-ekonomija tal-Unjoni. B'mod partikolari, sar aktar ċar minn qatt qabel li s-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni ***hija indispensabbli*** għal irkupru li jirnexxi, sostenibbli u inklużiv mill-kriżi tal-COVID-19, peress li hija wkoll fattur ewlieni li jikkontribwixxi għar-reżiljenza tal-ekonomija Ewropea. | ġeopolitiċi bla preċedent u l-konsegwenzi soċjoekonomiċi diretti u indiretti tagħhom affettwaw b'mod konsiderevoli s-soċjetà u l-ekonomija tal-Unjoni. B'mod partikolari, sar aktar ċar minn qatt qabel li s-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni ***u t-tnaqqis rapidu tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili huma essenzjali*** għal irkupru li jirnexxi, sostenibbli u inklużiv mill-kriżi tal-COVID-19, peress li hija wkoll fattur ewlieni li jikkontribwixxi għar-reżiljenza tal-ekonomija Ewropea. |
| [3] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17). | [3] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17). |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Minħabba r-rabtiet diretti bejn irkupru sostenibbli, il-bini tar-reżiljenza tal-Unjoni u s-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni, u r-rwol tagħha għal tranżizzjoni ġusta u inklużiva, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ***hija strument adatt*** sew biex ***jikkontribwixxi*** għar-rispons tal-Unjoni għal dawn l-isfidi emerġenti ġodda. | (2) Minħabba r-rabtiet diretti bejn irkupru sostenibbli, il-bini tar-reżiljenza tal-Unjoni u s-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni, u r-rwol tagħha għal tranżizzjoni ġusta***, ekoloġika, diġitali*** u inklużiva, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ***u l-Fondi għall-Politika ta' Koeżjoni huma strumenti adatti*** sew biex ***jikkontribwixxu*** għar-rispons tal-Unjoni għal dawn l-isfidi emerġenti ġodda ***u d-diffikultajiet severi***. |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Id-Dikjarazzjoni ta' Versailles tal- | (3) Id-Dikjarazzjoni ta' Versailles tal- |

| | |
|---|---|
| 10-11 ta' Marzu 2022 tal-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern stiednet lill-Kummissjoni tipproponi sal-aħħar ta' Mejju pjan REPowerEU biex titneħħa gradwalment d-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili Russi, li sussegwentement ġiet imtennija fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24-25 ta' Marzu 2022. Dan jenħtieġ li jsir ferm qabel l-2030 b'mod li jkun konsistenti mal-Patt Ekoloġiku tal-UE u l-objettivi klimatiċi għall-2030 u l-2050 minquxa fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima. Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/241 jiġi emendat biex tissaħħaħ il-kapaċità tiegħu li jappoġġa riformi u investimenti ddedikati għad-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija, b'mod ***partikolari l-fjuwils*** fossili, biex b'hekk tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Unjoni flimkien ma' ekonomija miftuħa. Jenħtieġ li jingħata wkoll appoġġ għar-riformi u l-investimenti li jżidu l-effiċjenza enerġetika tal-ekonomiji tal-Istati Membri. | 10-11 ta' Marzu 2022 tal-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern stiednet lill-Kummissjoni tipproponi sal-aħħar ta' Mejju pjan REPowerEU biex titneħħa gradwalment d-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili Russi, li sussegwentement ġiet imtennija fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24-25 ta' Marzu 2022. Dan jenħtieġ li jsir ferm qabel l-2030 b'mod li jkun konsistenti mal-Patt Ekoloġiku tal-UE u l-objettivi klimatiċi għall-2030 u l-2050 minquxa fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima. Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/241 jiġi emendat biex tissaħħaħ il-kapaċità tiegħu li jappoġġa riformi u investimenti ddedikati għad-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija, ***filwaqt li jnaqqas*** b'mod ***rapidu d-dipendenza tal-Unjoni fuq il-fjuwils*** fossili, biex b'hekk tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Unjoni flimkien ma' ekonomija miftuħa. Jenħtieġ li jingħata wkoll appoġġ għar-riformi u l-investimenti li jżidu ***d-dekarbonizzazzjoni u*** l-effiċjenza enerġetika tal-ekonomiji tal-Istati Membri ***kif ukoll il-kapaċitajiet ta' interkonnessjonijiet bejn l-Istati Membri, li jnaqqsu l-konsum tal-enerġija u jappoġġaw lill-unitajiet domestiċi u lill-intrapriżi mikro, żgħar u medji l-aktar vulnerabbli li jsofru mill-konsegwenzi taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija***. |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Biex jiġu massimizzati l-komplementarjetà, il-konsistenza u l-koerenza tal-politiki u l-azzjonijiet meħuda mill-Unjoni u mill-Istati Membri biex titrawwem l-indipendenza u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, jenħtieġ li dawn ir-riformi u l-investimenti relatati mal-enerġija jiġu stabbiliti permezz ta' | (4) Biex jiġu massimizzati l-komplementarjetà, il-konsistenza u l-koerenza tal-politiki u l-azzjonijiet meħuda mill-Unjoni u mill-Istati Membri biex titrawwem l-indipendenza u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, jenħtieġ li dawn ir-riformi u l-investimenti relatati mal-enerġija jiġu stabbiliti permezz ta' |

| | |
|---|---|
| "kapitolu tar-REPowerEU" tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza ddedikat għal hekk. | "kapitolu tar-REPowerEU" tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza ddedikat għal hekk ***u investimenti speċifiċi tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej fil-perjodu ta' programmazzjoni tal-2014-2020 u l-2021-2027. Sabiex jiġu promossi l-objettivi tat-TFUE relatati mal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, jenħtieġ li r-RepowerEU jappoġġa r-reġjuni kollha. Sabiex jipprovdu appoġġ bilanċjat u gradwali u jirriflettu l-livell ta' żvilupp ekonomiku u soċjali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw allokazzjoni xierqa tar-riżorsi fost il-kategoriji tar-reġjuni elenkati fl-Artikolu 108(2) tar-Regolament (UE) 2021/1060 meta jiddeċiedu dwar id-distribuzzjoni interna tal-finanzjament fl-ambitu tal-Inizjattiva tar-REPowerEU.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Jinsisti li l-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni 2021-2027 li, bl-implimentazzjoni sal-2030, jenħtieġ li jinbdew malajr kemm jista' jkun, peress li huma strument siewi biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-enerġija bla preċedent li qed nesperjenzaw.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Jenħtieġ li l-Kapitolu tar-REPowerEU jkun jinkludi riformi u investimenti ġodda li jikkontribwixxu għall-għanijiet tar-REPowerEU. Barra minn hekk, jenħtieġ li dak il-kapitolu jkun | (6) Jenħtieġ li l-Kapitolu tar-REPowerEU jkun jinkludi riformi u investimenti ġodda li jikkontribwixxu għall-għanijiet tar-REPowerEU***, li jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-objettivi tal-Patt*** |

| | |
|---|---|
| fih deskrizzjoni ta' miżuri oħrajn, iffinanzjati minn sorsi li mhumiex il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li jikkontribwixxu għall-objettivi relatati mal-enerġija deskritti fil-Premessa (3). Jenħtieġ li d-deskrizzjoni tkopri miżuri li l-implimentazzjoni tagħhom jenħtieġ li ssir bejn l-1 ta' Frar 2022 u l-31 ta' Diċembru 2026, il-perjodu li matulu għandhom jintlaħqu l-objettivi stabbiliti minn dan ir-Regolament. Fir-rigward tal-infrastruttura tal-gass naturali, biex jiddiversifikaw il-provvista lil hinn mir-Russja, jenħtieġ li l-investimenti u r-riformi tal-Kapitoli tar-REPowerEU, meta jkun rilevanti, jibnu fuq il-bżonnijiet identifikati attwalment permezz tal-valutazzjoni mwettqa u maqbula min-Network Ewropew tal-Operaturi tas-Sistemi ta' Trażmissjoni tal-Gass (European Network of Transmission System Operators for Gas, ENTSOG), stabbiliti fl-ispirtu ta' solidarjetà fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista u jqisu l-miżuri ta' tħejjija msaħħa meħuda biex ikun hemm adattament għal theddid ġeopolitiku ġdid. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li l-Kapitoli tar-REPowerEU jipprovdu spjegazzjoni u kwantifikazzjoni tal-effetti tal-kombinazzjoni tar-riformi u l-investimenti ffinanzjati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-miżuri l-oħrajn iffinanzjati minn sorsi li mhumiex il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. | ***Ekoloġiku tal-UE***. Barra minn hekk, jenħtieġ li dak il-kapitolu jkun fih deskrizzjoni ta' miżuri oħrajn, iffinanzjati minn sorsi li mhumiex il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li jikkontribwixxu għall-objettivi relatati mal-enerġija deskritti fil-Premessa (3). Jenħtieġ li d-deskrizzjoni tkopri miżuri li l-implimentazzjoni tagħhom jenħtieġ li ssir bejn l-1 ta' Frar 2022 u l-31 ta' Diċembru 2026, il-perjodu li matulu għandhom jintlaħqu l-objettivi stabbiliti minn dan ir-Regolament. Fir-rigward tal-infrastruttura tal-gass naturali, biex jiddiversifikaw il-provvista lil hinn mir-Russja, jenħtieġ li l-investimenti u r-riformi tal-Kapitoli tar-REPowerEU, meta jkun rilevanti, jibnu fuq il-bżonnijiet identifikati attwalment permezz tal-valutazzjoni mwettqa u maqbula min-Network Ewropew tal-Operaturi tas-Sistemi ta' Trażmissjoni tal-Gass (European Network of Transmission System Operators for Gas, ENTSOG), stabbiliti fl-ispirtu ta' solidarjetà fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista u jqisu l-miżuri ta' tħejjija msaħħa meħuda biex ikun hemm adattament għal theddid ġeopolitiku ġdid. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li l-Kapitoli tar-REPowerEU jipprovdu spjegazzjoni u kwantifikazzjoni tal-effetti tal-kombinazzjoni tar-riformi u l-investimenti ffinanzjati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-miżuri l-oħrajn iffinanzjati minn sorsi li mhumiex il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Jenħtieġ li jiżdied kriterju ta' valutazzjoni xieraq biex iservi bħala bażi għall-Kummissjoni biex tivvaluta r-riformi u l-investimenti inklużi fil-Kapitolu tar- | (7) Jenħtieġ li jiżdied kriterju ta' valutazzjoni xieraq biex iservi bħala bażi għall-Kummissjoni biex tivvaluta r-riformi u l-investimenti inklużi fil-Kapitolu tar- |

| | |
|---|---|
| REPowerEU u biex tiżgura li r-riformi u l-investimenti jkunu adatti biex jintlaħqu l-objettivi speċifiċi relatati mar-REPowerEU. Jenħtieġ li tkun meħtieġa klassifikazzjoni A skont dan il-kriterju ta' valutazzjoni l-ġdid għall-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza rilevanti biex jiġi vvalutat b'mod pożittiv mill-Kummissjoni. | REPowerEU u biex tiżgura li r-riformi u l-investimenti jkunu adatti biex jintlaħqu l-objettivi speċifiċi relatati mar-REPowerEU ***b'konsistenza mal-objettivi mal-Patt Ekoloġiku tal-UE***. Jenħtieġ li tkun meħtieġa klassifikazzjoni A skont dan il-kriterju ta' valutazzjoni l-ġdid għall-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza rilevanti biex jiġi vvalutat b'mod pożittiv mill-Kummissjoni. |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) L-investimenti fl-infrastruttura u t-teknoloġiji waħedhom mhumiex biżżejjed biex jiżguraw tnaqqis tad-dipendenza mill-fjuwils fossili. Jenħtieġ li r-riżorsi jkunu ddedikati għat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tan-nies, biex il-forza tax-xogħol tiġi mgħammra ulterjorment b'ħiliet ekoloġiċi. Dan huwa konformi mal-objettiv tal-Fond Soċjali Ewropew Plus, li għandu l-għan li jappoġġa lill-Istati Membri fil-kisba ta' forza tax-xogħol ta' ħila u reżiljenti li tkun lesta għad-dinja tax-xogħol futura. Fid-dawl ta' hekk, ir-riżorsi ***trasferiti mill-Fond*** Soċjali Ewropew Plus jenħtieġ li jgħinu biex jappoġġaw miżuri għat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol. Il-Kummissjoni se tivvaluta jekk il-miżuri inklużi fil-Kapitoli tar-REPowerEU jikkontribwux b'mod sinifikanti għall-appoġġ ta' rikwalifikazzjoni tal-forza tax-xogħol lejn ħiliet ekoloġiċi. | (8) L-investimenti fl-infrastruttura u t-teknoloġiji waħedhom mhumiex biżżejjed biex jiżguraw tnaqqis ***rapidu*** tad-dipendenza mill-fjuwils fossili. Jenħtieġ li r-riżorsi jkunu ddedikati għat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tan-nies, biex il-forza tax-xogħol tiġi mgħammra ulterjorment b'ħiliet ***adegwati, inklużi ħiliet*** ekoloġiċi ***u diġitali, b'mod partikolari f'żoni soġġetti għal dipressjoni ekonomika u deterjorament soċjali, f'żoni urbani periferiċi u f'żoni rurali, remoti, muntanjużi, kostali, gżejjer u f'żoni skarsament popolati u reġjuni ultraperiferiċi***. Dan huwa konformi mal-objettiv tal-Fond Soċjali Ewropew Plus, li għandu l-għan li jappoġġa lill-Istati Membri ***u lir-reġjuni*** fil-kisba ta' forza tax-xogħol ta' ħila u reżiljenti li tkun lesta għad-dinja tax-xogħol futura. Fid-dawl ta' hekk, ir-riżorsi ***mitluba mill-pakkett tal-Fond*** Soċjali Ewropew Plus ***biex jappoġġaw l-objettivi tar-REPowerEU*** jenħtieġ li jgħinu biex jappoġġaw miżuri għat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol. Il-Kummissjoni se tivvaluta jekk il-miżuri inklużi fil-Kapitoli tar-REPowerEU jikkontribwux b'mod sinifikanti għall-appoġġ ta' rikwalifikazzjoni tal-forza tax-xogħol lejn |

| | |
|---|---|
| | ħiliet ***adegwati, inklużi ħiliet*** ekoloġiċi ***u diġitali***. |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Tranżizzjoni effettiva lejn enerġija ekoloġika u tnaqqis tad-dipendenza enerġetika jinvolvu investimenti diġitali sinifikanti. Fid-dawl tar-Regolament (UE) 2021/241, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu spjegazzjoni ta' kif il-miżuri fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inklużi dawk inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU, mistennija jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-isfidi li jirriżultaw minnha u ta' jekk jikkostitwux ammont li jikkontribwixxi għall-mira diġitali fuq il-bażi tal-metodoloġija għall-ittaggjar diġitali. Madankollu, minħabba l-urġenza bla preċedent u l-importanza tal-isfidi tal-enerġija li qed tiffaċċa l-Unjoni, ir-riformi u l-investimenti inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU jenħtieġ li ma jitqisux meta tiġi kkalkulata l-allokazzjoni totali tal-pjan għall-fini tal-applikazzjoni tar-rekwiżit tal-mira diġitali stabbilita mir-Regolament (UE) 2021/241. | (11) Tranżizzjoni effettiva lejn enerġija ekoloġika u tnaqqis ***rapidu*** tad-dipendenza enerġetika ***jenħtieġ li jqisu l-isfidi emerġenti ġodda li jiffaċċjaw l-unitajiet domestiċi u l-intrapriżi mikro, żgħar u medji, speċjalment dawk l-aktar vulnerabbli, u*** jinvolvu investimenti diġitali sinifikanti. Fid-dawl tar-Regolament (UE) 2021/241, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu spjegazzjoni ta' kif il-miżuri fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inklużi dawk inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU, mistennija jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-isfidi li jirriżultaw minnha u ta' jekk jikkostitwux ammont li jikkontribwixxi għall-mira diġitali fuq il-bażi tal-metodoloġija għall-ittaggjar diġitali. Madankollu, minħabba l-urġenza bla preċedent u l-importanza tal-isfidi tal-enerġija li qed tiffaċċa l-Unjoni, ir-riformi u l-investimenti inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU jenħtieġ li ma jitqisux meta tiġi kkalkulata l-allokazzjoni totali tal-pjan għall-fini tal-applikazzjoni tar-rekwiżit tal-mira diġitali stabbilita mir-Regolament (UE) 2021/241. |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) ***Skont*** l-Artikolu 18(4)(q) tar- | (12) ***Jenħtieġ li l-Istati Membri*** |

| | |
|---|---|
| Regolament (UE) 2021/241, ***jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu wkoll sommarju tal-proċess*** ta' ***konsultazzjoni tal-awtoritajiet*** lokali u reġjonali u partijiet ikkonċernati rilevanti ***oħrajn***, inkluż, kif rilevanti, mis-settur agrikolu, għar-riformi u l-investimenti inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU***. Jenħtieġ li dawn is-sommarji jispjegaw l-eżitu ta' dawk il-konsultazzjonijiet u jiddeskrivu kif il-kontribut irċevut*** ġie rifless fil-Kapitoli tar-REPowerEU. | ***jorganizzaw u jimplimentaw proċess ta' konsultazzjoni obbligatorju u, skont*** l-Artikolu 18(4)(q) tar-Regolament (UE) 2021/241, ***jipprovdu sommarju ta' dan il-proċess li jispjega l-eżitu*** ta' ***dawk il-konsultazzjonijiet u jiddeskrivi kif il-kontribut riċevut mill-awtoritajiet*** lokali u reġjonali***, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, is-sħab ekonomiċi u soċjali*** u partijiet ikkonċernati rilevanti ***oħra***, inkluż, kif rilevanti, mis-settur agrikolu, għar-riformi u l-investimenti inklużi fil-kapitolu tar-REPowerEU ġie rifless fil-kapitoli tar-REPowerEU. |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(13) L-applikazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" hija essenzjali biex jiġi żgurat li l-investimenti u r-riformi mwettqin bħala parti mill-irkupru mill-pandemija jiġu implimentati b'mod sostenibbli. Jenħtieġ li tkompli tapplika għar-riformi u l-investimenti appoġġati mill-Faċilità, b'eżenzjoni mmirata waħda biex jiġi ssalvagwardjat it-tħassib immedjat tal-UE dwar is-sigurtà tal-enerġija. Meta jitqies l-objettiv tad-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija lil hinn mill-fornituri Russi, jenħtieġ li r-riformi u l-investimenti stabbiliti f'dawk il-Kapitoli tar-REPowerEU li għandhom l-għan li jtejbu l-infrastruttura u l-faċilitajiet tal-enerġija biex jissodisfaw il-ħtiġijiet immedjati tas-sigurtà tal-provvista taż-żejt u tal-gass ma jkunux obbligati jikkonformaw mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u għalhekk jenħtieġ li jiġu eżentati minn tali valutazzjoni.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Barra minn hekk, biex jiġi inċentivat livell għoli ta' ambizzjoni għar-riformi u l-investimenti li jridu jiġu inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU, ***jenħtieġ li*** jiġu pprovduti sorsi ta' finanzjament dedikati ġodda. | (15) Barra minn hekk, biex jiġi inċentivat livell għoli ta' ambizzjoni għar-riformi u l-investimenti li jridu jiġu inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU, ***jistgħu*** jiġu pprovduti sorsi ta' finanzjament dedikati ġodda. |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) ***Ir-Regolament*** (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] jenħtieġ li jiġi emendat biex jipprevedi l-possibbiltà li ***jiġu ttrasferiti*** sa 7,5 % tar-riżorsi ***tal-programmi*** ta' ġestjoni kondiviża ***rregolati minn dak ir-Regolament għall-Faċilità għall-kisba tal-objettivi tar-REPowerEU***, ***flimkien mal-possibbiltà*** ta' ***trasferiment*** eżistenti ta' sa 5 %. Possibbiltà bħal din hija ġġustifikata mill-ħtieġa li jiġu koperti l-objettivi tar-REPowerEU, filwaqt li l-Istati Membri jingħataw flessibbiltà addizzjonali biex jindirizzaw dawk il-ħtiġijiet urġenti***. Barra minn hekk, il-Faċilità tippermetti żborż rapidu ta' fondi, li jagħmilha partikolarment adatta sew għall-finanzjament ta' miżuri urġenti relatati mal-enerġija.*** Jenħtieġ li ***trasferimenti ta' dan it-tip jkunu ġġustifikati*** minn ħtiġijiet finanzjarji ogħla marbutin ma' ***riformi u*** investimenti addizzjonali inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU. | (17) ***Sabiex l-Istati Membri u r-reġjuni jingħataw biżżejjed flessibbiltà fl-indirizzar tal-isfidi emerġenti ġodda, ir-Regolament*** (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] jenħtieġ li jiġi emendat biex jipprevedi l-possibbiltà li ***jintalbu*** sa 7,5 % tar-riżorsi ***taħt programmi*** ta' ġestjoni kondiviża ***biex jikkontribwixxu għall-objettivi tar-REPowerEU kif stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241 permezz ta' miżuri ta' appoġġ imsemmija fl-Artikolu 21c(1)(b) tiegħu bl-eċċezzjoni tal-idroġenu ħieles mill-fjuwils fossili***, ***fl-Artikolu 21c(1)(c) tiegħu bl-eċċezzjoni*** ta' ***faċilitajiet iddedikati għat-trasport tal-fjuwils fossili, u fl-Artikolu 21c(1)(d) tiegħu filwaqt li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti proċedurali marbuta mal-implimentazzjoni tal-programm, minbarra l-possibbiltà*** eżistenti ta' ***trasferiment*** sa 5 %***, dment li dan tal-aħħar jiġi eżawrit kompletament***. Possibbiltà bħal din hija ġġustifikata mill-ħtieġa li jiġu koperti l-objettivi tar-REPowerEU, filwaqt li l-Istati Membri ***u r-reġjuni*** jingħataw flessibbiltà addizzjonali biex jindirizzaw dawk il-ħtiġijiet urġenti li |

***hija kruċjali*** biex jindirizzaw dawk il-ħtiġijiet urġenti ***u*** jenħtieġ li ***tkun iġġustifikata*** minn ħtiġijiet finanzjarji ogħla marbutin ma' investimenti addizzjonali inklużi fil-kapitolu tar-REPowerEU ***tar-Regolament (UE) 2021/241***.

[6] Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

[6] Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17a) Sabiex jingħata rispons immedjat għall-impatt tal-kriżi, in-nefqa għall-operazzjonijiet għat-trawwim tal-kapaċitajiet ta' rispons għall-kriżijiet tal-enerġija u l-appoġġ għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli u għall-intrapriżi mikro, żgħar u medji jenħtieġ li tkun eliġibbli mill-1 ta' Frar 2022.*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17b (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(17b) Sabiex l-Istati Membri jingħataw flessibbiltà addizzjonali biex jirriallokaw ir-riżorsi bil-ħsieb li jingħata rispons imfassal apposta għall-kriżi tal-enerġija, jenħtieġ li l-Kummissjoni Ewropea tivvaluta l-possibbiltà li tippermetti trasferimenti finanzjarji taħt il-mira Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi bejn l-FEŻR, il-FSE u l-Fond ta' Koeżjoni għaż-żewġ perjodi ta' programmazzjoni.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (19) L-iżborżi permezz tar-REPowerEU għandhom isiru skont ir-regoli tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza sa tmiem l-2026. Il-pagamenti relatati mar-riżorsi ***trasferiti minn fondi ta' ġestjoni kondiviża*** għandhom ikunu soġġetti għad-disponibbiltà ta' fondi approvati fil-baġit annwali tal-UE. | (19) L-iżborżi permezz tar-REPowerEU għandhom isiru skont ir-regoli tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza sa tmiem l-2026. Il-pagamenti relatati mar-riżorsi ***mitluba skont l-Artikolu 26a tar-Regolament (UE) 2021/1060 għandhom isiru skont ir-regoli tar-Regolament (UE) 2021/1060 u r-regolamenti rispettivi speċifiċi għall-fondi u*** għandhom ikunu soġġetti għad-disponibbiltà ta' fondi approvati fil-baġit annwali tal-UE. |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 20**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (20) Talba għal finanzjament iddedikat għall-miżuri tar-REPowerEU, inklużi allokazzjoni mir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq, ***trasferimenti mill-fondi rregolati mir-Regolament*** (UE) 2021/1060 u allokati mill-Fond Agrikolu Ewropew | (20) Talba għal finanzjament iddedikat għall-miżuri tar-REPowerEU, inklużi allokazzjoni mir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq, ***riżorsi mitluba skont l-Artikolu 26a tar-Regolament*** (UE) 2021/1060 u allokati mill-Fond Agrikolu Ewropew għall- |

| | |
|---|---|
| għall-Iżvilupp Rurali, ippreżentata fi pjan, jenħtieġ li tkun iġġustifikata minn ħtieġa finanzjarja akbar marbuta ma' riformi u investimenti addizzjonali inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU. | Iżvilupp Rurali, ippreżentata fi pjan, jenħtieġ li tkun iġġustifikata minn ħtieġa finanzjarja akbar marbuta ma' riformi u investimenti addizzjonali inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU. |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti deskritti fil-Kapitolu tar-REPowerEU u ***l-kontribut*** tagħhom ***għall-objettivi tar-REPowerEU***, kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/241. | (21) Jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja ***u tirrapporta dwar*** l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti deskritti fil-Kapitolu tar-REPowerEU***, il-kontribut tagħhom għar-REPowerEU*** u ***l-konsistenza*** tagħhom ***mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku tal-UE***, kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/241. |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) L-avvenimenti ġeopolitiċi reċenti affettwaw il-prezzijiet tal-enerġija u ***tal-materjali*** tal-kostruzzjoni ***u*** kkawżaw ukoll nuqqasijiet fil-ktajjen tal-provvista globali. Dawn l-iżviluppi jista' jkollhom impatt dirett fuq il-kapaċità li jiġu implimentati xi investimenti inklużi fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza. Sitwazzjonijiet bħal dawn jistgħu jiġu invokati bħala ċirkostanzi oġġettivi skont l-Artikolu 21 sal-punt li l-Istati Membri jkunu jistgħu juru li żviluppi ta' dan it-tip iwasslu biex stadji importanti jew miri speċifiċi ma jibqgħux jistgħu jintlaħqu. Dawn l-iżviluppi ma jistgħux jikkostitwixxu ċirkostanzi oġġettivi għar-reviżjoni tar-riformi, peress li r-riformi ġeneralment ma jiddependux mill-kostijiet. Barra minn | (22) L-avvenimenti ġeopolitiċi reċenti affettwaw il-prezzijiet tal-enerġija u ***riżorsi oħra bħal materjali*** tal-kostruzzjoni***, li*** kkawżaw ukoll nuqqasijiet fil-ktajjen tal-provvista globali. Dawn l-iżviluppi jista' jkollhom impatt dirett fuq il-kapaċità li jiġu implimentati xi investimenti inklużi fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza. Sitwazzjonijiet bħal dawn jistgħu jiġu invokati bħala ċirkostanzi oġġettivi skont l-Artikolu 21 sal-punt li l-Istati Membri jkunu jistgħu juru li żviluppi ta' dan it-tip iwasslu biex stadji importanti jew miri speċifiċi ma jibqgħux jistgħu jintlaħqu. Dawn l-iżviluppi ma jistgħux jikkostitwixxu ċirkostanzi oġġettivi għar-reviżjoni tar-riformi, peress li r-riformi ġeneralment ma jiddependux mill-kostijiet. |

| | |
|---|---|
| hekk, jenħtieġ li l-ebda talba għal emendi ma timmina l-implimentazzjoni ġenerali tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza. | Barra minn hekk, jenħtieġ li l-ebda talba għal emendi ma timmina l-implimentazzjoni ġenerali tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw ukoll li l-proposti biex jemendaw il-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza jwieġbu għall-isfidi li rriżultaw mill-bidliet drammatiċi attwali fis-sitwazzjoni ġeopolitika, filwaqt li jħejju l-futur biex ikunu jistgħu jindirizzaw sfidi ġodda.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)**
Regolament (UE) 2021/241
Artikolu 7 - titolu u paragrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) It-titolu u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 huma mibdula b'dan li ġej:*** |
| ***Riżorsi*** mill-programmi b'ġestjoni kondiviża u użu ta' ***riżorsi*** | "***Riżorsi trasferiti*** mill-programmi b'ġestjoni kondiviża u użu ta' ***dawk ir-riżorsi*** |
| 1. Ir-riżorsi allokati għall-Istati Membri b'ġestjoni kondiviża, fuq talba tagħhom, jistgħu jiġu trasferiti għall-Faċilità soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti ***fid-dispożizzjonijiet rilevanti*** tar-Regolament ***dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni għall-***2021***-2027***. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi b'mod dirett f'konformità mal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju. Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw esklużivament għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat. | 1. ***Ir-riżorsi*** allokati għall-Istati Membri b'ġestjoni kondiviża, fuq talba tagħhom, jistgħu jiġu trasferiti għall-Faċilità soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti ***fl-Artikolu 26a*** tar-Regolament ***(UE)*** 2021***/1060***. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi b'mod dirett f'konformità mal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju. Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw esklużivament għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat." |

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32021R0241)*

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**
Regolament (UE) 2021/241
Artikolu 18 – paragrafu 4 – punt q

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (q) għat-tħejjija u, fejn disponibbli, għall-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, sommarju tal-proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq skont il-qafas legali nazzjonali, tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, u kif l-input tal-partijiet ikkonċernati huwa rifless fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza; b'mod partikolari, is-sommarju tal-proċess ta' konsultazzjoni għandu jispjega l-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u partijiet ikkonċernati rilevanti ***oħrajn*** dwar ir-riformi u l-investimenti inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU ***u*** jiddeskrivi kif il-kontribut irċevut ġie rifless fil-Kapitolu tar-REPowerEU; | (q) għat-tħejjija u, fejn disponibbli, għall-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, sommarju tal-proċess ta' konsultazzjoni ***mandatorju***, ***li għandu jkun*** imwettaq skont il-qafas legali nazzjonali, tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab ***ekonomiċi u*** soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, u kif l-input tal-partijiet ikkonċernati huwa rifless fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza; b'mod partikolari, is-sommarju tal-proċess ta' konsultazzjoni għandu jispjega l-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u partijiet ikkonċernati ***oħrajn*** rilevanti ***biex jintlaħqu l-objettivi tar-REPowerEU*** dwar ir-riformi u l-investimenti inklużi fil-kapitolu tar-REPowerEU***,*** jiddeskrivi kif il-kontribut irċevut ġie rifless fil-Kapitolu tar-REPowerEU***, kif ukoll kif dawn il-partijiet ikkonċernati se jkunu involuti fl-implimentazzjoni tal-kapitolu tar-REPowerEU u l-monitoraġġ tiegħu***; |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Regolament (UE) 2021/241
Artikolu 19 – paragrafu 3 – punt da

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (da) jekk ir-riformi u l-investimenti msemmijin fl-Artikolu 21c(1) jikkontribwux b'mod effettiv għad-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni jew għat-tnaqqis tad-dipendenza | (da) jekk ir-riformi u l-investimenti msemmijin fl-Artikolu 21c(1) jikkontribwux b'mod effettiv għad-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni jew għat-tnaqqis ***rapidu*** tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l- |

| | |
|---|---|
| fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.; | 2030.; |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)**
Regolament (UE) 2021/241
Artikolu 19 – paragrafu 3 – punt ka (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Fl-Artikolu 19(3), jiddaħħal il-punt li ġej:*** |
| | ***(ka) jekk il-proċess ta' konsultazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 18(4)(q) relatat mal-miżuri msemmija fl-Artikolu 21c(1) huwiex adegwat u jekk il-kontribut pertinenti mill-partijiet ikkonċernati rilevanti huwiex rifless kif xieraq fis-sustanza tal-kapitolu tar-REPowerEU;*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Regolament (UE) 2021/241
Artikolu 21a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) EUR 20 000 000 000 fi prezzijiet attwali għandhom ikunu disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 10e(4) tad-Direttiva 2003/87/KE, għall-implimentazzjoni skont dan ir-Regolament biex tiżdied ir-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni permezz ta' tnaqqis fid-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u d-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija fil-livell tal-Unjoni. Dak l-ammont għandu jkun disponibbli fil-forma ta' dħul assenjat estern fis-sens tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju. | (1) EUR 20 000 000 000 fi prezzijiet attwali għandhom ikunu disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 10e(4) tad-Direttiva 2003/87/KE, għall-implimentazzjoni skont dan ir-Regolament biex tiżdied ir-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni permezz ta' tnaqqis ***rapidu*** fid-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u d-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija fil-livell tal-Unjoni. Dak l-ammont għandu jkun disponibbli fil-forma ta' dħul assenjat estern fis-sens tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju. |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Regolament (UE) 2021/241
Artikolu 21b – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) ***Ir-riżorsi*** allokati ***lill-Istati Membri*** taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, ***b'talba tagħhom***, ***jiġu ttrasferiti jew allokati għall-Faċilità*** soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 26a tar-Regolament (UE) 2021/1060 u l-Artikolu 81a tar-Regolament (UE) 2021/2115. Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw esklużivament għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat. | (1) ***Fi ħdan ir-riżorsi*** allokati ***lilhom*** taħt ġestjoni kondiviża***, l-Istati Membri*** jistgħu ***jitolbu li jappoġġaw miżuri msemmija fl-Artikolu 21c(1)(b) ta' dan ir-Regolament bl-eċċezzjoni tal-idroġenu ħieles mill-fjuwils fossili***, ***fl-Artikolu 21c(1)(c) ta' dan ir-Regolament bl-eċċezzjoni ta' faċilitajiet iddedikati għat-trasport tal-fjuwils fossili***, ***u fl-Artikolu 21c(1)(d) ta' dan ir-Regolament*** soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 26a tar-Regolament (UE) 2021/1060 u l-Artikolu 81a tar-Regolament (UE) 2021/2115. Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw esklużivament għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat. |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Regolament (UE) 2021/241
Artikolu 21b – paragrafu 1 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) Ir-riżorsi jistgħu jiġu ***ttrasferiti*** skont l-Artikolu 26a tar-Regolament (UE) 2021/1060 għall-miżuri ta' appoġġ imsemmijin fl-Artikolu 21c(1) ta' dan ir-Regolament, dment li l-Istat Membru jkun diġà talab trasferimenti minn Fond partikolari sal-limitu massimu ta' 5 % f'konformità mal-ewwel u mat-tieni subparagrafi tal-Artikolu 26(1). | (a) Ir-riżorsi jistgħu jiġu ***mitluba*** skont l-Artikolu 26a tar-Regolament (UE) 2021/1060 għall-miżuri ta' appoġġ imsemmijin fl-Artikolu 21c(1***) ta' dan ir-Regolament bl-eċċezzjoni ta' idroġenu mhux fossili, fl-Artikolu 21c(1)(c) ta' dan ir-Regolament bl-eċċezzjoni ta' faċilitajiet iddedikati biex jittrasportaw il-fjuwils fossili, u fl-Artikolu 21c(1)(d***) ta' dan ir-Regolament, dment li l-Istat Membru jkun diġà talab trasferimenti minn Fond partikolari sal-limitu massimu ta' 5 % f'konformità mal-ewwel u mat-tieni |

| | |
|---|---|
| | subparagrafi tal-Artikolu 26(1). |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Regolament (UE) 2021/241
Artikolu 21b – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Il-pagamenti għandhom isiru f'konformità mal-Artikolu ***24 ta' dan ir-Regolament u*** soġġetti għall-finanzjament disponibbli. | (2) ***Ir-riżorsi mitluba skont il-paragrafu 1 għandhom jiġu implimentati f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1060 u r-regolament speċifiku għall-fondi tal-fond ta' ġestjoni kondiviża rispettiv.*** Il-pagamenti ***relatati*** għandhom isiru f'konformità mal-Artikolu ***91 tar-Regolament (UE) 2021/1060*** soġġetti għall-finanzjament disponibbli. |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Regolament (UE) 2021/241
Artikolu 21b – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi ***direttament*** f'konformità mal-Artikolu 62(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (***a***) tar-Regolament Finanzjarju. | (3) Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi ***taħt ġestjoni kondiviża*** f'konformità mal-Artikolu 62(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (***b***) tar-Regolament Finanzjarju. |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Regolament (UE) 2021/241
Artikolu 21c – paragrafu 1 – punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) jappoġġa l-objettivi fil-punti (a), (b) u (c) permezz ta' rikwalifikazzjoni aċċellerata tal-forza tax-xogħol lejn ħiliet ekoloġiċi, kif ukoll appoġġ għall-ktajjen tal-valur f'materjali u teknoloġiji ewlenin marbutin mat-tranżizzjoni ekoloġika. | (d) jappoġġa l-objettivi fil-punti (a), (b) u (c) permezz ta' rikwalifikazzjoni aċċellerata tal-forza tax-xogħol lejn ħiliet ekoloġiċi ***u diġitali***, kif ukoll appoġġ għall-ktajjen tal-valur f'materjali u teknoloġiji ewlenin marbutin mat-tranżizzjoni ekoloġika ***u ġusta***. |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Regolament (UE) 2021/241
Artikolu 21c – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) għall-Istati Membri b'Reġjuni Ultraperiferiċi (kif elenkati fl-Artikolu 349 tat-TFUE), il-gżejjer (tal-livell NUTS 2 u/jew NUTS 3), ir-reġjuni muntanjużi u/jew ir-reġjuni skarsament popolati, deskrizzjoni dettaljata tal-investimenti li se jsiru b'REPowerEU f'dawn ir-reġjuni għall-indipendenza u t-tranżizzjoni enerġetika tagħhom*** |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Regolament (UE) 2021/241
Artikolu 21c – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(4) B'deroga mill-Artikoli 5(2), 17(4), 18(4)(d) u 19(3)(d), il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 ma għandux japplika għar-riformi u l-investimenti li mistennijin jikkontribwixxu għall-objettivi tar-REPowerEU skont il-paragrafu 1(a)*** | ***imħassar*** |

***ta' dan l-Artikolu.***

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Regolament (UE) 2021/241
Artikolu 21c – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu applikabbli mutatis mutandis għar-riformi u l-investimenti tal-Kapitolu tar-REPowerEU, ***sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor***. | (5) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu applikabbli mutatis mutandis għar-riformi u għall-investimenti tal-kapitolu REPowerEU, ***ħlief għall-investimenti tal-kapitolu REPowerEU ffinanzjati mir-riżorsi mitluba skont l-Artikolu 26a tar-Regolament (UE) 2021/1060 għal miżuri ta' appoġġ imsemmija fl-Artikolu 21c(1)b) ta' dan ir-Regolament bl-eċċezzjoni tal-idroġenu ħieles mill-fjuwils fossili, fl-Artikolu 21c(1)(c) ta' dan ir-Regolament bl-eċċezzjoni ta' faċilitajiet iddedikati għat-trasport tal-fjuwils fossili, u fl-Artikolu 21c(1)(d) ta' dan ir-Regolament li għalihom japplikaw ir-Regolament (UE) 2021/1060 u r-regoli speċifiċi għall-fondi***. |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Regolament (UE) 2021/241
Artikolu 21d – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-implimentazzjoni tal-miżuri deskritti fil-Kapitolu tar-REPowerEU u l-kontribut tagħhom għall-objettivi tar-REPowerEU. | (1) Il-Kummissjoni għandha timmonitorja ***u tirrapporta dwar*** l-implimentazzjoni tal-miżuri deskritti fil-Kapitolu tar-REPowerEU***,*** il-kontribut tagħhom għar-REPowerEU ***u l-konsistenza tagħhom mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku tal-UE***. |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1**
Regolament (UE) 2021/1060
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt e

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) fejn applikabbli, it-tqassim tar-riżorsi finanzjarji skont il-kategorija tar-reġjun, magħmul f'konformità mal-Artikolu 108(2) u l-ammonti ta' allokazzjonijiet proposti li jridu jiġu trasferiti skont ***l-Artikoli 26, 26a u*** 111, inkluż ġustifikazzjoni ***għal trasferimenti bħal dawn***; | (e) fejn applikabbli, it-tqassim tar-riżorsi finanzjarji skont il-kategorija tar-reġjun, magħmul f'konformità mal-Artikolu 108(2) u l-ammonti ta' allokazzjonijiet proposti li jridu jiġu ***mitluba skont l-Artikolu 26a jew jiġu*** trasferiti skont ***l-Artikolu 26, jew skont l-Artikolu*** 111, inkluż ġustifikazzjoni; |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (UE) 2021/1060
Artikolu 22 – paragrafu 3 – punt g – punt i

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) tabella li tispeċifika l-allokazzjonijiet finanzjarji totali għal kull wieħed mill-Fondi u, fejn applikabbli, għal kull kategorija ta' reġjun għall-perjodu ta' programmazzjoni kollu u skont is-sena, inkluż kull ammont trasferit skont l-Artikolu 26***,*** l-Artikolu ***26a jew*** 27; | (i) tabella li tispeċifika l-allokazzjonijiet finanzjarji totali għal kull wieħed mill-Fondi u, fejn applikabbli, għal kull kategorija ta' reġjun għall-perjodu ta' programmazzjoni kollu u skont is-sena, inkluż kull ammont ***mitlub skont l-Artikolu 26a jew*** trasferit skont l-Artikolu 26 ***jew skont*** l-Artikolu 27; |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)**
Regolament (UE) 2021/1060
Artikolu 24 – paragrafu 7a (ġdid)

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(2a) Fl-Artikolu 24 jiżdied il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***7a. Għall-programmi appoġġati mill-FEŻR, mill-Fond ta' Koeżjoni jew mill-FSE+, l-Istat Membru jew l-awtorità ta' ġestjoni jistgħu jitolbu, sal-31 ta' Diċembru 2025, ammont sa 7.5 % tal-baġit tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali li għandha tiġi kkontribwita għall-finanzjament ta' miżuri li jappoġġaw l-objettivi tar-REPowerEU kif imsemmi fl-Artikolu 21c(1)(b) tar-Regolament (UE) 2021/241 bl-eċċezzjoni tal-idroġenu mhux fossili, fl-Artikolu 21c(1)(c) tar-Regolament (UE) 2021/241 bl-eċċezzjoni ta' faċilitajiet iddedikati għat-trasport tal-fjuwils fossili, u fl-Artikolu 21c(1)(d) tar-Regolament (UE) 2021/241. Għall-programmi appoġġati mill-FEŻR, mill-Fond ta' Koeżjoni jew mill-FSE+, tali kontribuzzjonijiet għandhom isiru biss fl-istess programm u għandhom jirrikjedu deċiżjoni tal-Kummissjoni li temenda l-programm. Għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti regolatorji kollha u għandhom jiġu approvati minn qabel mill-kumitat ta' monitoraġġ. L-Istat Membru jew l-awtorità ta' ġestjoni għandhom jikkomunikaw it-tabelli finanzjarji riveduti u l-programm rivedut lill-Kummissjoni.*** |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3**
Regolament (UE) 2021/1060
Artikolu 26 – paragrafu 1

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Meta l-Ftehim ta' Sħubija jkun ġie approvat u programm wieħed jew aktar ikunu għadhom ma ġewx adottati, jista' jintalab | Meta l-Ftehim ta' Sħubija jkun ġie approvat u programm wieħed jew aktar ikunu għadhom ma ġewx adottati, jista' jintalab |

| | |
|---|---|
| trasferiment għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza f'konformità ***mar-Regolament (UE) 2021/241*** permezz ta' notifika ta' reviżjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(1)(c), (e) u (h) f'konformità mal-Artikolu 69(9). | trasferiment għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza f'konformità ***ma' dan l-Artikolu*** permezz ta' notifika ta' reviżjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(1)(c), (e) u (h) f'konformità mal-Artikolu 69(9). |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4**
Regolament (UE) 2021/1060
Artikolu 26 – paragrafu 1 – punt 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. B'deroga mill-Artikolu 40(2)(d) u l-paragrafu ta' fuq dan, il-kumitat ta' monitoraġġ għandu jiġi kkonsultat dwar l-emenda tal-programm, meta din l-emenda tkun strettament limitata għal dak li huwa meħtieġ għall-finijiet tat-trasferiment għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5**
Regolament (UE) 2021/1060
Artikolu 26a – titolu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Trasferiment għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza*** | ***Appoġġ għall-objettivi tar-REPowerEU*** |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5**
Regolament (UE) 2021/1060
Artikolu 26a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) L-Istati Membri li jippreżentaw lill-Kummissjoni pjan għall-irkupru u r-reżiljenza li jkun fih kapitolu tar-REPowerEU f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/241 jistgħu jitolbu ***t-trasferiment ta'*** sa 7,5 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali tagħhom ta' kull Fond ***għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza***, dment li l-Istat Membru jkun diġà talab trasferimenti minn dak il-Fond speċifiku sal-limitu massimu ta' 5 % f'konformità mal-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-Artikolu 26(1). It-talba ***għal trasferiment*** għandha ssir jew fil-Ftehim ta' Sħubija, inkluż permezz tan-notifika ta' reviżjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(1)(c), (e) u (h) f'konformità mal-Artikolu 69(9) jew f'talba għal emenda ta' programm. Meta t-talba ***għal trasferiment*** tikkonċerna emenda ta' programm, jistgħu jiġu ***trasferiti*** biss riżorsi ta' snin kalendarji futuri. ***Trasferimenti*** ta' dan it-tip ***għandhom ikunu*** addizzjonali għall-possibbiltà ta' trasferiment ta' riżorsi previsti skont l-Artikolu 26 ta' dan ir-Regolament. | (1) L-Istati Membri li jippreżentaw lill-Kummissjoni pjan għall-irkupru u r-reżiljenza li jkun fih kapitolu tar-REPowerEU f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/241 jistgħu jitolbu ***li*** sa 7,5 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali tagħhom ta' kull Fond ***tkun kontribwita għall-objettivi tar-REPowerEU kif stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241 bl-appoġġ ta' miżuri msemmija fl-Artikolu 21c(1)(b) tiegħu bl-eċċezzjoni ta' idroġenu mhux fossili, fl-Artikolu 21c(1)(c) tiegħu bl-eċċezzjoni ta' faċilitajiet iddedikati għat-trasport tal-fjuwils fossili, u fl-Artikolu 21c(1)(d) tiegħu***, dment li l-Istat Membru jkun diġà talab trasferimenti minn dak il-Fond speċifiku sal-limitu massimu ta' 5 % f'konformità mal-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-Artikolu 26(1). ***Fejn il-Ftehim ta' Sħubija għadu ma ġiex approvat,*** it-talba ***għall-appoġġ tal-objettivi tar-REPowerEU*** għandha ssir jew fil-Ftehim ta' Sħubija, inkluż permezz tan-notifika ta' reviżjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(1)(c), (e) u (h) f'konformità mal-Artikolu 69(9) jew f'talba għal emenda ta' programm. Meta t-talba tikkonċerna emenda ta' programm, jistgħu jiġu ***mitluba*** biss riżorsi ta' snin kalendarji futuri. ***Il-possibbiltà ta' talba*** ta' dan it-tip ***għandha tkun*** addizzjonali għall-possibbiltà ta' trasferiment ta' riżorsi previsti skont l-Artikolu 26 ta' dan ir-Regolament. |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5**
Regolament (UE) 2021/1060
Artikolu 26a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Ir-riżorsi trasferiti għandhom jiġu | (2) Ir-riżorsi trasferiti ***skont l-*** |

| | |
|---|---|
| implimentati f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2021/241 ***u*** għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat. | ***Artikolu 26 ta' dan ir-Regolament*** għandhom jiġu implimentati f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2021/241***. Ir-riżorsi mitluba skont l-Artikolu 26a ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu implimentati skont ir-Regolament (UE) 2021/1060 u d-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-regolament speċifiku għall-fondi tal-fond ta' ġestjoni kondiviża rispettiv. Riżorsi trasferiti minn jew riżorsi mitluba li jappoġġaw l-objettivi tar-REPowerEU*** għandhom jintużaw ***b'mod esklużiv*** għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat. |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5**
Regolament (UE) 2021/1060
Artikolu 26a – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Meta l-Ftehim ta' Sħubija jkun ġie approvat u ***t-trasferiment jintalab*** qabel l-approvazzjoni ta' programm wieħed jew iktar, l-inkonsistenza li tirriżulta bejn il-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi ma għandhiex titqies meta jiġi vvalutat il-programm skont l-Artikolu 23(1). F'każijiet bħal dawn, l-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta reviżjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(1)(c), (e) u (h), li għandha tikkostitwixxi talba għal ***trasferiment*** fis-sens ta' dan l-Artikolu. | (3) Meta l-Ftehim ta' Sħubija jkun ġie approvat u ***tkun ġiet sottomessa t-talba għall-appoġġ tal-objettivi tar-REPowerEU*** qabel l-approvazzjoni ta' programm wieħed jew iktar, l-inkonsistenza li tirriżulta bejn il-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi ma għandhiex titqies meta jiġi vvalutat il-programm skont l-Artikolu 23(1). F'każijiet bħal dawn, l-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta reviżjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(1)(c), (e) u (h), ***inkluż sommarju ta' konsultazzjoni mandatorja ma' sħab f'konformità mal-Artikolu 8(1)***, li għandha tikkostitwixxi talba għal ***appoġġ għall-objettivi tar-REPowerEU*** fis-sens ta' dan l-Artikolu. |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5**

Regolament (UE) 2021/1060
Artikolu 26a – paragrafu 3a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) B'deroga mil-Artikolu 13, Ftehimiet ta' Sħubija approvati ma għandhomx jiġu emendati u l-emendi ta' programmi ma għandhomx jinkludu l-emenda tal-Ftehimiet ta' Sħubija approvati.*** |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5**
Regolament (UE) 2021/1060
Artikolu 26a – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Meta programm jeħtieġ li jiġi emendat għall-fini ta' ***trasferimenti*** stabbiliti f'dan l-Artikolu, b'deroga mill-Artikolu 24(2) u (4), il-Kummissjoni għandha tadotta jew tirrifjuta l-emenda fir-rigward ***tat-trasferiment*** u l-bidliet li jirriżultaw fil-programm fi żmien xahar wara d-data tal-preżentazzjoni tal-programm mill-Istat Membru. ***B'deroga mill-Artikolu 40(2)(d), il-kumitat ta' monitoraġġ għandu jiġi kkonsultat dwar l-emenda tal-programm.*** It-talbiet għal emenda ta' programm għandhom jistabbilixxu l-ammont totali ***trasferit*** għal kull sena skont il-Fond u skont il-kategorija ta' reġjun, meta jkun applikabbli. | (4) Meta programm jeħtieġ li jiġi emendat għall-fini ta' ***talba għall-appoġġ tal-objettivi tar-REPowerEU*** stabbiliti f'dan l-Artikolu, b'deroga mill-Artikolu 24(2) u (4), il-Kummissjoni għandha tadotta jew tirrifjuta l-emenda fir-rigward ***ta' din it-talba*** u l-bidliet li jirriżultaw fil-programm fi żmien xahar wara d-data tal-preżentazzjoni tal-programm mill-Istat Membru. It-talbiet għal emenda ta' programm għandhom jistabbilixxu l-ammont totali ***kontribwit għall-kisba tal-objettivi tar-REPowerEU*** għal kull sena skont il-Fond u skont il-kategorija ta' reġjun, meta jkun applikabbli. |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5**
Regolament (UE) 2021/1060
Artikolu 26a – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Ir-riżorsi tal-JTF, inkluż kull riżorsa ttrasferita mill-FEŻR u mill-FSE+ f'konformità mal-Artikolu 27, ma għandhomx ikunu trasferibbli għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza skont dan l-Artikolu. | (5) Ir-riżorsi tal-JTF, inkluż kull riżorsa ttrasferita mill-FEŻR u mill-FSE+ f'konformità mal-Artikolu 27, ma għandhomx ikunu trasferibbli għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ***u ma għandhomx ikunu mitluba għall-appoġġ tal-objettivi tar-REPowerEU*** skont dan l-Artikolu. |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5**
Regolament (UE) 2021/1060
Artikolu 26a – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(6) Meta l-Kummissjoni ma tkunx daħlet f'impenn legali għar-riżorsi trasferiti f'konformità mal-paragrafu 1, ir-riżorsi mhux impenjati korrispondenti jistgħu jiġu ttrasferiti lura lejn il-Fond minn fejn ikunu ġew inizjalment trasferiti u jiġu allokati għal programm wieħed jew aktar, f'konformità mad-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 26(7), 26(8) u 26(9).*** | ***imħassar*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5**
Regolament (UE) 2021/1060
Artikolu 26a – paragrafu 6a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) In-nefqa mġarrba u mħallsa għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 21c(1)(b) tar-Regolament (UE) 2021/241 bl-eċċezzjoni tal-idroġenu mhux fossili fossili, fl-Artikolu 21c(1)(c) tiegħu bl-eċċezzjoni ta' faċilitajiet iddedikati għat-*** |

| | |
|---|---|
| | ***trasport tal-fjuwils fossili, u fl-Artikolu 21c(1)(d) tiegħu għandha tingħadd mas-sehem tal-miri klimatiċi u tal-mekkaniżmu ta' aġġustament għall-klima f'konformità mal-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)**
Regolament (UE) 2021/1060
Artikolu 112 – paragrafu 6a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Fl-Artikolu 112, jiżdied il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***6a. Meta Stat Membru jiddeċiedi li jitlob riżorsi skont l-Artikolu 26a ta' dan ir-Regolament, b'deroga mill-Artikolu 112(3) u (4) tista' tiġi applikata rata ta' kofinanzjament sa 100 % għan-nefqa ddikjarata fl-applikazzjonijiet għal pagament fis-snin kontabilistiċi li jibdew fl-1 ta' Lulju 2022 u li jintemmu fit-30 ta' Ġunju 2026 għal assi prijoritarju wieħed jew aktar fi programm appoġġat mill-FEŻR, mill-FSE+ jew mill-Fond ta' Koeżjoni, għall-finanzjament ta' miżuri li jappoġġaw l-objettivi tar-REPowerEU msemmija fl-Artikolu 21c(1)(b) tar-Regolament (UE) 2021/241 bl-eċċezzjoni tal-idroġenu mhux fossili, fl-Artikolu 21c(1)(c) ta' dak ir-Regolament bl-eċċezzjoni ta' faċilitajiet iddedikati għat-trasport tal-fjuwils fossili, u fl-Artikolu 21c(1)(d) ta' dak ir-Regolament.*** |
| | ***Talba għall-modifika tar-rata ta' kofinanzjament għandha tiġi sottomessi bħala emenda ta' programm f'konformità mal-Artikolu 24 u għandha tkun akkumpanjata minn programm rivedut.*** |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2a (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 1303/2013
Artikolu 60 – paragrafi 2a (ġdid) u 2b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 2a*** |
| | ***Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 huwa emendat kif ġej:*** |
| | ***Fl-Artikolu 60 jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:*** |
| | ***2a. B'deroga mill-Artikolu 60(1) u l-ewwel u r-raba' subparagrafi tal-Artikolu 120(3) fuq talba ta' Stat Membru, tista' tiġi applikata rata ta' kofinanzjament ta' 100 % għan-nefqa għat-trawwim ta' kapaċitajiet ta' rispons għall-kriżijiet tal-enerġija f'konformità mal-"objettivi REPowerEU" u appoġġ għal unitajiet domestiċi vulnerabbli u intrapriżi mikro, żgħar u medji mill-1 ta' Frar 2022 għal assi prijoritarju wieħed jew aktar fi programm appoġġat mill-FEŻR, il-FSE jew il-Fond ta' Koeżjoni.*** |
| | ***It-talbiet għal modifika tar-rata ta' kofinanzjament għandhom jiġu ppreżentati f'konformità mal-proċedura għall-emenda ta' programmi stipulata fl-Artikolu 30 u għandhom ikunu akkumpanjati mill-programm jew programmi riveduti.*** |
| | ***Ir-rata ta' kofinanzjament ta' 100 % għandha tapplika biss jekk l-emenda rilevanti tal-programm operazzjonali tiġi approvata mill-Kummissjoni qabel il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni finali għal pagament interim f'konformità mal-Artikolu 135(2).*** |
| | ***2b. B'reazzjoni għall-kriżi tal-enerġija ġejja mill-aggressjoni Russa lejn l-Ukrajna, ir-riżorsi disponibbli għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 għall-Investiment għall-mira tat-tkabbir u*** |

| | |
|---|---|
| | ***l-impjiegi jistgħu, fuq talba ta' Stat Membru, jiġu trasferiti bejn il-FEŻR, il-FSE u l-Fond ta' Koeżjoni, huma x'inhuma l-persentaġġi msemmija fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 92(1). Għall-fini ta' dawk it-trasferimenti, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 92(4) ma għandhomx japplikaw.*** |
| | ***Ir-riżorsi trasferiti bejn il-FEŻR, il-FSE u l-Fond ta' Koeżjoni taħt dan il-paragrafu għandhom jiġu implimentati f'konformità mar-regoli tal-Fond li fih jiġu trasferiti r-riżorsi.*** |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 1**
Regolament (UE) 2021/1060
Anness II – paragrafu 4.2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(1) Fil-paragrafu 4.2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/1060, jiddaħħal dan li ġej:*** | ***imħassar*** |

***Referenza: L-Artikoli 26 (1) u 26a RDK***

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 2**
Regolament (UE) 2021/1060
Anness V – paragrafu 3.1 – tabella 1

*Test fis-seħħ*

| | | |
|---|---|---|
| Emenda tal-programm relatata ma' | ☐ | kontribuzzjoni għal InvestEU |
| | ☐ | trasferiment għal strumenti taħt ġestjoni diretta jew indiretta |
| | ☐ | trasferiment bejn il-FEŻR, l-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni jew lejn Fond jew Fondi oħra |

*Emenda*

***Fil-paragrafu 3.1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/1060, l-ewwel tabella hija emendata kif ġej:***

| | | |
|---|---|---|
| Emenda tal-programm relatata ma' | ☐ | kontribuzzjoni għal InvestEU |
| | ☐ | trasferiment għal strumenti taħt ġestjoni diretta jew indiretta |
| | ☐ | trasferiment bejn il-FEŻR, l-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni jew lejn Fond jew Fondi oħra |
| | ***☐*** | ***appoġġ għall-objettivi tar-REPowerEU*** |

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32021R1060)*

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 3**
Regolament (UE) 2021/1060
Anness V – paragrafu 3.1 – nota f'qiegħ il-paġna 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Applikabbli biss għal emendi tal-programm f'konformità mal-Artikoli 14, 26, u 26a għajr trasferimenti komplementari għall-JTF f'konformità mal-Artikolu 27 tar-RDK. ***It-trasferimenti ma għandhomx jaffettwaw it-tqassim annwali tal-approprjazzjonijiet finanzjarji fil-livell tal-QFP għal Stat Membru.*** | Applikabbli biss għal emendi tal-programm f'konformità mal-Artikoli 14, 26, u 26a għajr trasferimenti komplementari għall-JTF f'konformità mal-Artikolu 27 tar-RDK. |

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Emenda tar-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-Kapitoli tar-REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u emenda tar-Regolament (UE) 2021/1060, ir-Regolament (UE) 2021/2115, id-Direttiva 2003/87/KE u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 |
| **Referenzi** | COM(2022)0231 – C9-0183/2022 – 2022/0164(COD) |
| **Kumitati responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | BUDG ECON<br>6.6.2022 6.6.2022 |
| **Opinjoni(jiet) mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | REGI<br>6.6.2022 |
| **Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja** | 15.9.2022 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Pascal Arimont<br>12.7.2022 |
| **Artikolu 58 – Proċedura b'kumitati konġunti**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | <br><br>15.9.2022 |
| **Eżami fil-kumitat** | 15.9.2022 |
| **Data tal-adozzjoni** | 6.10.2022 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 29<br>–: 1<br>0: 10 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Matteo Adinolfi, François Alfonsi, Pascal Arimont, Isabel Benjumea Benjumea, Tom Berendsen, Erik Bergkvist, Stéphane Bijoux, Franc Bogovič, Vlad-Marius Botoş, Rosanna Conte, Christian Doleschal, Matthias Ecke, Chiara Gemma, Krzysztof Hetman, Manolis Kefalogiannis, Ondřej Knotek, Cristina Maestre Martín De Almagro, Nora Mebarek, Martina Michels, Alin Mituța, Dan-Ştefan Motreanu, Andżelika Anna Możdżanowska, Niklas Nienaß, Andrey Novakov, Younous Omarjee, Alessandro Panza, Tsvetelina Penkova, Maxette Pirbakas, Caroline Roose, Marcos Ros Sempere, André Rougé, Susana Solís Pérez, Valdemar Tomaševski, Monika Vana |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Katalin Cseh, Stelios Kympouropoulos, Ana Miranda, Rovana Plumb, Peter Pollák |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Pietro Fiocchi |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 29 | + |
|---|---|
| NI | Chiara Gemma, Maxette Pirbakas |
| PPE | Pascal Arimont, Isabel Benjumea Benjumea, Tom Berendsen, Franc Bogovič, Christian Doleschal, Krzysztof Hetman, Manolis Kefalogiannis, Stelios Kympouropoulos, Andrey Novakov, Peter Pollák |
| RENEW | Katalin Cseh, Alin Mituța, Susana Solís Pérez |
| S&D | Erik Bergkvist, Matthias Ecke, Cristina Maestre Martín De Almagro, Nora Mebarek, Tsvetelina Penkova, Rovana Plumb, Marcos Ros Sempere |
| THE LEFT | Martina Michels, Younous Omarjee |
| VERTS/ALE | François Alfonsi, Ana Miranda, Niklas Nienaß, Caroline Roose, Monika Vana |

| 1 | - |
|---|---|
| RENEW | Ondřej Knotek |

| 10 | 0 |
|---|---|
| ECR | Pietro Fiocchi, Andżelika Anna Możdżanowska, Valdemar Tomaševski |
| ID | Matteo Adinolfi, Rosanna Conte, Alessandro Panza, André Rougé |
| PPE | Dan-Ştefan Motreanu |
| RENEW | Stéphane Bijoux, Vlad-Marius Botoş |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni